# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Frar, 2020.**

**Numru 14**

**Rikors numru 549/17JPG**

**Alexandra Pace**

**v.**

**Doris sive Doreen Shawky**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressqet l-attrici fid-19 ta' Gunju, 2017, u li jaqra hekk:

"1. Illi l-kontendenti huma l-unici ulied ta' Maria Luigia Mifsud, armla minn Hector Mifsud, li mietet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016).

"2. Illi s-successjoni ta' Maria Luigia Mifsud hija regolata permezz ta' testament sigriet datat ghoxrin (20) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999), liema testament sigriet gie miftuh u ppubblikat permezz ta' att pubbliku ricevut min-Nutar Pubbliku

Joseph Henry Saydon fis-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016), wara dikriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) fid-dsatax (19) t'Awwissu tas-sena elfejn u sittax (2016).

"3. Illi t-tielet Artikolu tat-testment sigriet precitat jipprovdi s-segwenti:

> "Nordna illi is sehem minnhi imholli bi prelegat fit Tieni Artikolu ta' dan it testament, tal imsemmija dar numru tminja u ghoxrin (28), iggib l'isem "Dorsan", Trieq l'Gharix, Attard; kif ukoll it terran, numru sebgha u sebghajn (77), Viani Street, Sliema, imholli bi prelegat fl'Ewwel Artikolu ta dan it testament, jigu valutati b'mod gust minn Arkitett u Inginier Civili li jkun appuntat biss minn Doreen Shawky, u din il valutazzjoni, li ghandha tkun tikkontjeni ir ragunijiet kollha li fuqhom dan l'Arkitett jkun ibbaza li stima tieghu, ghandha tigi konfermata bil-gurament min l'istess Arkitett u Inginier Civili, u din il-valutazzjoni tkun finali u insindakabbli."

"4. Illi l-attrici interpellat lill-konvenuta diversi drabi sabiex tottempera ruhha mad-disposizzjonijiet testamentarji, u anke pprocediet b'rikors mahluf bin-numru mitejn sitta u erbghin tas-sena elfejn u sbatax (246/2017) fl-ismijiet 'Alexandra Pace v. Doris sive Doreen Shawky'.

"5. Illi kien biss wara li l-konvenuta giet notifikata bil-kawza msemmija fil-paragrafu precedent illi hija produciet stejjem peritali dwar il-fondi urbani msemmija fit-Tielet Artikolu tat-testment sigriet li jirregola s-successjoni ta' Maria Luigia Mifsud.

"6. Illi l-istima tal-fond urban maghruf bl-isem 'Dorsan', fi Triq l-Gharix, Attard, ma hijiex accettabbli in kwantu ma saritx b'mod gust stante li taghti valur ferm u ferm inferjuri ghal dak li verament ghandu l-fond in kwistjoni.

"7. Illi min-naha l-ohra, l-istima tal-fond urban bin-numru sebgha u sebghin (77) fi Triq Viani, Sliema, hija gholja u kwindi eccessiva, u ghalhekk ukoll ma saritx b'mod gust.

"8. Illi dik il-parti tad-disposizzjoni testamentarja illi tirrizerva lill-konvenuta, jew lill-arkitett inkarigat minnha, is-setgha li jistabilixxu kemm ghandu jkun il-prelegat imholli lill-attrici permezz tat-Tielet Artikolu tat-testment precitat hija nulla u minghajr effett.

"9. Illi ghalhekk qed issir din il-kawza.

"10. Illi l-attrici tiddikjara li taf bil-fatti suesposti personalment.

"Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi l-attrici umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"(i) tiddikjara u tiddeciedi illi dik il-parti tad-disposizzjoni testamentarja espresso fl-Artikolu Tlieta tat-testment sigriet ta' Maria Luigia Mifsud datat ghoxrin (20) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999), illi tirriserva lill-konvenuta, jew lill-arkitett inkarigat minnha, is-setgha li jistabilixxu kemm ghandu jkun il-prelegat imholli lill-attrici permezz tat-Tielet Artikolu tat-testment precitat hija nulla u minghajr effett;

"(2) tiddikjara u tiddeciedi illi l-istejjem maghmula mill-Perit Arkitett F. E. Montesin fuq inkarigu tal-konvenuta dwar il-fond urban maghruf bl-isem 'Dorsan', fi Triq l-Gharix, Attard, u kif ukoll dwar il-fond urban bin-numru sebgha u sebghin (77) fi Triq Viani, Sliema, ma sarux b'mod gust u kwindi huma nulli, inattendibbli u minghajr effett;

"(3) tistabbilixxi l-valutazzjoni tal-fondi urbani msemmija fit-Tielet Artikolu tat-testment sigriet ta' Maria Luigia Mifsud datat ghoxrin (20) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999), occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

"u dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor opportune.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, li hija minn issa ngunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. It-talbiet avvanzati mill-attrici ghandhom jigu michuda stante li huwa legalment inkoncepibbli u legalment insostenibbli li l-attrici titlob dikjarazzjoni ta' nullita` tad-disposizzjoni testamentarja li tinsab fl-Artikolu Tlieta tat-testment sigriet inkwistjoni meta hija stess diga` aderixxiet mal-imsemmija disposizzjoni testamentarja, u meta, min-naha l-ohra, l-esponenti wkoll diga` accettat u ottemprat ruhha mal-obbligu impost fuqha bl-imsemmija disposizzjoni testametnarja biex tappunta perit li jaghmel valutazzjoni b'mod gust bir-ragunijiet kollha rilevanti u guramentat, kif fil-fatt sar;

"3. Illi inoltre, stante il-principju *electa una via non datum recursus ad alteram* l-attrici hija prekluza milli tipprocedi bit-talbiet attrici stante li hija fil-passat diga` ghazlet li flok titlob in-nullita` tad-dispozizzjoni testamentarja inkwistjoni, anzi tinsisti fuqha kontra l-esponenti; Dan juri wkoll *mala fede* min-naha tal-attrici li ghall-konvenjenza qeghda tipprova taghzel biss fejn jaqblilha u tinjora fejn ma jaqblilhiex;

"4. Illi ulterjorment, it-tieni talba attrici hija kuntradittorja ghall-ewwel talba attrici stante li fl-ewwel wahda qeghda tintalab in-nullita` tad-disposizzjoni testamentarja mentri fit-tieni wahda, qieghed jintalab li l-

Qorti tiddikjara li l-istima tal-Perit Montesin ma saritx skont l-istess dispozizzjoni testamentarja li l-attrici tallega li hija parzjalment nulla;

“5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, kwantu jirrigwarda l-ewwel talba attrici, din ghandha tigi michuda stante li l-ligi civili ma tirravizax nullita` fid-dispozizzjoni testamentarja inezami meta t-testatrici stabbilixxiet bi precizjoni kif ghandu jigi stabbilit l-ammont tal-prelegat u ghaldaqstant mhux minnu li t-testatrici tat is-setgha ghal kollox lill-eredi, jew l-arkitett, biex jivvintaw huma kemm ghandu jkun il-prelegat tal-attrici; Illi inoltre, il-ligi lanqas ma tirravviza xi nullita` ghal dispozizzjoni ta’ testatur li biha jimponi kundizzjoni dwar min ghandu jahtar l-espert li jaghmel il-valutazzjoni kif gie impost fit-testment inezami;

“6. Dejjem sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u kwantu jirrigwarda t-talbiet attrici kollha, ma huwix ikkonsentit li l-attrici tithallas tissostitwixxi l-volonta` tat-testatrici kif riflessi fit-testment inkwistjoni, u dan peress li bit-talbiet taghha l-attrici tixtieq lill-dina l-Onorabbli Qorti tinjora essenzjalment ix-xewqa tat-testatrici dwar liema perit ghandu jigi appuntat u dwar min ghandu jappuntah, biex minflok timpani hi dak li trid kontra l-volonta` espressa tat-testatrici;

“7. Dejjem sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jigi eccepit li t-Tielet Artikolu tat-testment inkwistjoni jezigi li: ‘*Nordna illi s-sehem minnhi imholli bi prelegat fit-Tieni Artikolu ta’ dan it-testment, tal-imsemmija dar numru tmienja u ghoxrin (28), iggib l-isem ‘Dorsan’, Triq l-Gharix, H’Attard; kif wkoll it-terran, numru sebgha u sebghajn (77), Viani Street, Sliema, imholli bi prelegat fl-Ewwel Artikolu ta’ dan it-testment, jigu valutati b’mod gust minn Arkitett u Inginier Civili li jkun appuntat biss minn Doreen Shawky, u din il-valutazzjoni, li ghandha tkun tikkontjeni r-ragunijiet kollha li fuqhom dan l-Arkitett jkun ibbaza l-istima tieghu, ghandha tigi kkonfermata bil-gurament minn l-istess Arkitett u Inginier Civili, u din il-valutazzjoni tkun finali u insindakabbli*’. Illi ghaldaqstant, l-attrici ma ghandhiex il-jeddijiet li hija qeghda titlob u inoltre, l-attrici ma hix titlob in-nullita` tal-parti tad-dispozizzjoni testamentarja li tordna li l-valutazzjoni tal-perit mahtur mill-esponenti tkun finali u insindakabbli, li allura l-imsemmija valutazzjoni tal-imsemmija perit tibqa’ dejjem finali u insindakabbli kif ordnat it-testatrici; evidentement, it-testatrici riedet tevita l-kwistjonijiet bejn l-eredi anki fid-dawl tal-fatt li t-testatrici taf li l-attrici Alexandra Pace ghandha storja ta’ kawzi, tant li anke fethet kawza lil ommha stess fl-1998, u ohra lill-esponenti din is-sena li ghadha pendenti;

“8. Dejjem sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, f’kull kaz, l-istima pprovduta mill-esponenti saret pjenament in osservanza tat-testment inkwistjoni u wkoll fiz-zmien ordnat fl-istess testment inkwistjoni u wkoll fiz-zmien ordnat fl-istess testment u allura ma tistax tigi ddikjarata nulla, inattendibbli u minghajr effett kif allegat mill-attrici.

“9. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.

"Bl-ispejjez."

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju, 2018, li in forza taghha laqghet l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuta (enumerati, pero`, bhala 1, 3 u 4 rispettivament fir-risposta guramentata), bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> "Permezz ta' din il-kawza, r-rikorrent qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi l-parti tad-disposizzjoni testamentarja espressa fl-Artikolu Tlieta tat-testment sigriet ta' Maria Liugia Mifsud datat 20 ta' Awissu 1999 li tirriserva lill-intimata jew lil arkitett inkarigat minnha is-setgha li jistabilixxu kemm ghandu jkun l-prelegat mholli lir-rikorrent hija nulla u minghajr effett, tiddikjara illi l-istejjem mghamula mill-Perit F.E. Montesin fuq inkarigu tal-intimata ma sarux b'mod gust u kwindi huma nulli, inattendibbli u minghajr effett, u konsegwentement tistabilixxi din il-Qorti stess, occorendo bil-hatri ta' periti nominandi il-valur tal-fondi urbani msemmija fl-artikolu precitat.
>
> "Rigward il-fatti tal-kawza, il-Qorti rat illi din il-kawza hija bbazata fuq l-Artikolu 3 tat-Testment Sigriet tal-20 ta' Awissu 1999, maghmul minn Maria Liugia Mifsud, omm il-partijiet. Maria Liugia Mifsud innominat lill-kontendenti zewg ulieda bhala l-eredi universali taghha, u halliet ukoll lilhom prelegat li jikkonsisti f'fond urban kull wiehed. Permezz tat-tielet artikolu tat-testment sigriet imsemmi, Mifsud ordnat illi l-prelegati mhollija minnha jigu valutati b'mod gust minn arkitett u inginier civili appuntat biss mill-intimata, liema valutazzjoni ghandha tkun finali u insindikabbli.
>
> "Din hija sentenza parzjali, dwar l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimata. L-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari tal-intimati huma konnessi, fis-sens illi dawn it-tliet eccezzjonijiet jirrigwardaw il-fatt illi, skont l-intimata, r-rikorrenti ma tistghax titlob in-nullita tad-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni meta diga accettat u adderixxiet ghall-istess, inkluz billi fethet kawza ohra fejn insistiet fuq l-esekuzzjoni ta' din id-disposizzjoni, u illi t-tieni talba hija kontradittorja ghal ewwel wahda.

"L-intimata targumenta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi r-rikorrent diga pprocediet b'kawza ohra fejn mhux biss ma sostnietx illi d-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni hija nulla, izda sostniet bil-kontra billi pprocediet sabiex tircievi l-hlas tas-somma stabbilita skont id-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni. L-intimata sostniet li ghalhekk, ir-rikors promotur tal-kawza bin-numru 246/2017 SM, l-eccezzjonijiet u kif ukoll ic-cedola ta' depozitu, juru li l-kontendenti accettaw u aderixxew mad-disposizzjoni testamentarja meritu ta' din il-kawza. Targumenta wkoll, wara li ticcita lil Laurent u lil Ricci, illi gialadarba r-rikorrent tidher li almenu tacitament accettat il-prelegat mholli lilha, ma tistghax issa tirripudjah. Tikkontendi inoltre illi gialadarba r-rikorrenti accettat il-prelegat mholli lilha akkont ta' sehemha mill-wirt u procediet b'azzjoni sabiex tircievih, jirrizulta li din is-sitwazzjoni hija rriversibbli u ghalhekk issa ma tistghax titlob dikjarazzjoni tan-nullita tad-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni. Fir-rigward tat-tielet eccezzjoni ziedet illi kif jidher mill-Artikolu 695 tal-Kodici Civili, ma tistghax tintalab dikjarazzjoni ta' nullita ta' parti biss minn disposizzjoni testamentarja, peress illi dan l-artikolu jitkellem fuq in-nullita ta' disposizzjoni, u mhux ta' parti minnha.

"Minn naha taghha, r-rikorrenti targumenta illi l-kawza bin-numru 246/2017 SM giet intavolata qabel ma' r-rikorrenti giet mgharrfa mill-intimata bil-kontenut tal-istejjem maghmula mill-Perit inkarigat minnha, u dan minkejja li kienet ilha fil-pussess tal-istess stejjem, li skont ir-rikorrent juri mala fede. Ir-rikorrent tikkontendi illi anke b'din l-azzjoni hija qed tinsisti fuq l-esekuzzjoni tad-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni, ghaliex qed tinvoka n-nullita biss sa fejn dik id-disposizzjoni testamentarja tittenta xxejjen id-dritt tar-rikorrent li tezigi l-esekuzzjoni tajba u kompleta da parti tal-intimata tal-obbligazzjoni kif imposti fit-testment sigriet, u ghalhekk m'hemm xejn kontradittorju fit-talbiet tar-rikorrenti.

"Kif intqal fis-sentenza **Emanuel Scicluna vs Av. Dr. S. Camilleri noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Jannar 1959, attur li jaghzel wahda mill-azzjonijiet lilu akkordati, neccessarjament irrinunzja ghal ohrajn, u mhux permess li min ikun irrinunzja ghall-azzjonijiet tieghu li jerga lura fuq il-passi tieghu stess.

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr. Rene Frendo Randon vs Albert Walter Salomone noe et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 1998 gie osservat illi:

> ***"meta citazzjoni jkun fiha kawzali alternattivi u mhux cert liema wahda minnhom hija l-kawzali li sejra tifforma l-bazi ta' l-azzjoni odjerna, dan igib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba ghax il-konvenut ma jkunx jista' jaghzel il-kawzali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li taghzel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri car li l-kawza kif giet intavolata hija***

> ***insostenibbli billi ab initio la setghet tipprocedi u lanqas setghet tigi ammessa*"**

"Skont is-sentenza fl-ismijiet **Flavia Cassar et vs Carmelo Muscat et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru 2011 inghad illi:

> **"*Izda kemm jekk it-talbiet tal-atturi jitqiesu bhala tlett azzjonijiet distinti prospettati fl-alternattiv kemm jekk jitqiesu bhala azzjoni kumulattiva wahda b'diversi kawzalitajiet kontradittorji, dan kollu jqieghed lill-konvenuti fl-impossibilita' li jiddeterminaw x'qeghdin jippretendu bil-preciz l-atturi u jqieghed lill-konvenuti f'pozizzjoni prekarja li ma jkunux jafu x'linja ta' difiza jintraprendu minghajr ma jippregudikaw il-posizzjoni taghhom*."**

"Il-Qorti rat illi skont it-Tielet Artikolu tat-testment sigriet ta' Mifsud, Mifsud ordnat illi ssir valutazzjoni tal-prelegati mhollija minnha lill-ulieda l-kontendenti. Minn qari tat-testment sigriet in kwistjoni jirrizulta illi l-iskop ta' din il-valutazzjoni huwa sabiex:

1. Jigi accertat il-valur tal-prelegat imholli lir-rikorrenti peress illi l-valur ta' dan il-prelegat kellu jitnaqqas mill-kwota ereditarja taghha, ghaliex kien gie mholli akkont tal-kwota ereditarja tar-rikorrenti;

2. Jigi accertat l-valur taz-zewg prelegati peress illi l-intimata giet ordnata thallas lir-rikorrenti is-somma li hija l-kwinta parte tal-valur tal-prelegat imholli lill-intimata, u dan wara li jigi dedott il-valur tat-terran bl-indirizz 11, Viani Street, Sliema mill-valur tal-fond bl-indirizz 28, Triq l-Gharix, Attard.

"Il-Qorti rat inoltre illi t-testatrici imponiet numru ta' kondizzjonijiet rigward il-valutazzjoni li kellha ssir tal-prelegati, inkluz dik il-parti li qed tigi attakata mir-rikorrenti, u cioe illi l-valutazzjoni maghmula mill-perit inkarigat mill-intimata tkun finali u insindikabbli.

"Rigward l-argument tar-rikorrenti illi m'hijiex qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita tad-disposizzjoni testamentari in kwistjoni shiha, u dan kif jidher mit-tmien premessa fir-rikors promotur taghha, il-Qorti tirrileva illi m'huwiex possibli illi jkun hemm dikjarazzjoni ta' nullita parzjali tad-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni. Dan ghaliex skont l-Artikolu 711(1) tal-Kodici Civili:

> **"*Kondizzjoni impossibbli, jew kuntrarja għal-liġi, jew għall-egħmil xieraq, tagħmel ma tiswiex id-dispożizzjoni li fiha tkun magħmula.*"**

"Ghalhekk, kieku din il-Qorti kellha ssib illi l-kondizzjoni mposta mit-testatrici illi l-valutazzjoni tal-perit inkarigat mill-intimata ghandha tkun finali u insindikabbli hija kontra l-ligi, b'applikazzjoni tal-Artikolu 711(1)

> tal-Kodici Civili, **dan is-sejbien iwassal sabiex tigi dikjarata in-nullita ta' dik id-disposizzjoni testamentarja kollha, u mhux sempliciment ta' parti minnha.**
>
> "Il-Qorti rat illi fil-kawza bin-numru 246/2017 SM fl-istess ismijiet, ir-rikorrenti ipprocediet **sabiex titlob l-esekuzzjoni tal-istess disposizzjoni testamentarja** li f'din il-kawza qed tikkontendi li hi nulla, u dan minghajr ebda riservi. Jidher illi kien biss meta l-intimata prezentat l-istima maghmula mill-Perit inkarigat minnha, ma' liema stimi r-rikorrenti ma qablitx, illi r-rikorrenti ddecidiet illi timpunja l-validita ta' din id-disposizzjoni testamentarja. Fil-fehma tal-Qorti, gialadarba jirrizulta illi r-rikorrenti manifestament u espressament accettat id-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni, u dan b'mod inekwivoku billi ipprocediet ghall-esekuzzjoni tal-istess testament permezz ta' azzjoni gudizzjarja, ma tistghax issa titlob dikjarazzjoni li dik l-istess disposizzjoni testamentarja hija nulla, meta fl-istess waqt qed titlob lil din il-Qorti diversament presjeduta sabiex tordna l-esekuzzjoni taghha.
>
> "Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ewwel talba ma tistghax tigi milqugha.
>
> "Fir-rigward tat-tielet eccezzjoni, ir-rikorrent targumenta illi m'hijiex qed tikkontendi illi d-disposizzjoni testamentarja fl-intier taghha hija nulla, izda biss dik il-kondizzjoni li tirrendi finali u insindikabbli l-valutazzjoni maghmula mill-perit mahtur mill-intimata. Ghalhekk m'hemm ebda kontradizzjoni bejn l-ewwel u t-tieni talba.
>
> "Kif diga gie rrilevat mill-Qorti aktar il-fuq pero, skont il-ligi m'huwiex possibbli illi tigi ddikjarata n-nullita **ta' parti biss** mid-disposizzjoni testamentarja, izda hu biss possibbli illi tigi dikjarata nulla disposizzjoni testamentarja shiha. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-kontradittorjeta ravvizata mill-intimata tissussisti, u din it-tielet eccezzjoni timmerita wkoll li tigi milqugha."

Rat id-digriet ta' dik l-istess Qorti tat-18 ta' Ottubru, 2018 li bih awtorizzat lill-attrici sabiex tinterponi appell mis-sentenza in parte taghha tat-13 ta' Gunju, 2018.

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet sabiex din il-Qorti joghgobha:

> "tilqa' dan l-umili appell billi thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'Alexandra

> Pace v. Doris sive Dreen Shawky' (Rikors Mahluf Nurmu 549/2017 JPG) fit-13 ta' Gunju 2018, u minflok tghaddi biex wara li tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuta (enumerati pero` bhala wiehed, tlieta u erbgha rispettivament fir-risposta guramentata) tirrinvija l-atti lura lill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ghall-kontinwazzjoni, bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-konvenuta".

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet premessi, talbet li l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attrici qed titlob in-nullita` tal-artikolu 3 tat-testment sigriet li kienet ghamlet omm il-kontendenti datat 20 ta' Awwissu, 1999. F'dan l-artikolu, riprodott fir-rikors promotur u fis-sentenza tal-ewwel Qorti, it-testatrici ordnat li l-immobbli li halliet bhala pre-legat f'artikolu precedenti fit-testment ghandhom jigu valutati "*b'mod gust*" minn perit nominat mill-konvenuta, u dik il-valutazzjoni ghandha "*tkun finali u insindakabbli*".

L-attrici giet prezentata bi stima li pprepara l-perit imqabbad mill-konvenuta, izda ma qablitx maghha. Ghalhekk fethet din il-kawza fejn

qed titlob illi l-imsemmi artikolu 3 tat-testment "*huwa null u minghajr effett*" u li l-istimi "*ma sarux b'mod gust u kwindi huma nulli, inattendibbli u minghajr effett*".

L-ewwel Qorti laqghet tlett eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta, fis-sens li l-azzjoni hi inkoncepibbli u legalment insostenibbli peress illi hija diga` wettqet l-obbligazzjoni taghha taht il-pre-citat artikolu, li l-attrici hija prekluza milli tipprocedi f'din il-kawza peress li f'kawza ohra talbet l-esekuzzjoni tat-testment intier, u li l-azzjoni attrici hija kontradittorja ghax qed titlob stharrig tal-agir tal-perit imqabbad mill-konvenuta, u fl-istess hin in-nullita` tal-artikolu relattiv.

L-attrici ma taqbilx ma' din is-sentenza tal-ewwel Qorti u din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-attrici ghandha ragun.

Trattat l-aggravji, li sejrin jigu trattati flimkien ghax huma relatati, din il-Qorti tara li l-fatt li l-konvenuta tallega li hi "*accettat u ottemperat ruhha mal-obbligu impost fuqha*", mhux ta' ostakolu ghall-azzjoni attrici. Din tallega li, fil-verita`, il-konvenuta ma wettqitx l-obbligu taghha ghax ipprezentatilha stima li, skont hi, ma hijiex gusta. Jekk hu hekk, l-agir tal-konvenuta imur kontra t-termini espressi fl-artikolu 3 tat-testment, u allura l-attrici jkollha ragun titlob stima ohra "gusta". Din il-Qorti ma hix qed tghid, f'dan l-istadju, li l-istima li ressqet il-konvenuta ma hijiex gusta, izda

li darba l-attrici qed tikkontesta l-istess stima, ir-ragonevolezza o meno tal-istess stima tista' u ghandha tigi mistharrga mill-Qorti kif mitluba.

Dwar il-fatt li l-attrici, f'kawza ohra, talbet u qed tinsisti li t-testment jigi onorat fl-intier, dan ma hu xejn kontradittorju ma' din il-kawza. Fil-kawza l-ohra, li l-attrici ressqet qabel ma kellha f'idejha l-istimi tal-perit, l-attrici qed titlob li t-testment jigi esegwit – ovvjament safejn dan l-istess testament huwa validu. F'din il-kawza, qed titlob dikjarazzjoni ta' invalidita` ta' partijiet mill-istess testament. Iz-zewg kawzi, allura, jistghu jimxu flimkien.

Lanqas ma tara li hemm kontradizzjoni bejn it-talbiet attrici. Din qed tattakka principalment l-ahhar parti tal-artikolu 3 tat-testment li tordna li l-istima tal-perit titqies finali u insidikabbli, u tallega li hija "*bla siwi*". Din il-Qorti tifhem il-hsieb tal-attrici. Darba li t-testatrici insistiet li l-istima issir "*b'mod gust*", riedet li l-istima tkun mistharrga w ezaminata minn xi hadd indipendenti. Ma kienx il-hsieb tat-testatrici li stima mhux gusta tibqa' finali u insindakabbli. Hi l-istima gusta li riedet li tkun insindakabbli u mhux kwalunkwe stima hi x'inhi. Meta persuna tinghata certa diskrezzjoni, l-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni jrid ikun korrett u ragjonevoli, u jekk mhux hekk dak l-ezercizzju jista' jkun rivedut. F'dan il-kaz, l-istima li ressaq il-perit imqabbad mill-konvenuta, trid tigi mistharrga bil-kriterji ta' korrettezza u ragjonevolezza, u jekk ma tghaddix

minn dan l-ezami, trid tigi mwarrba. Huwa biss jekk l-istima titqies gusta, li allura tkun insindakabbli. Biex stima tkun gusta, ma jfissirx li trid bilfors taqbel, per ezempju, ma' stima li jista' jasal ghaliha perit tekniku nominat mill-Qorti; basta li titqies ragjonevolment korretta. Ghalhekk, ghamlet sew l-attrici li ssostni li l-ahhar sentenza tal-artikolu 3 imsemmi, ghandha titqies "*bla siwi*" jekk l-istima relattiva tkun mhux gusta. Ma hux kaz, allura, li l-artikolu 3 huwa null, izda li l-ahhar parti tieghu ma hijiex applikabbli biex twaqqaf stharrig tal-istima li jkun ghamel il-perit mahtur mill-konvenuta.

L-interpretazzjoni korretta tad-disposizzjoni testamentarja inkwistjoni hija dik li taghti rispett shih lejn il-volonta` tat-testatrici, liema volonta` f'dan il-kaz kienet certament li l-konvenuta u l-perit taghha jwettqu l-istejjem relattivi "*b'mod gust*", altrimenti dan il-kriterju ma kien jigi qatt impost mit-testatrici. L-interpretazzjoni tal-insindikabilita` tal-istejjem japplika biss safejn dawk l-istejjem ikunu saru b'mod konformi mal-volonta` tat-testatrici, u mhux ukoll fejn ma jsirux skont l-ordnijiet taghha kif impost fit-testment. L-intenzjoni tat-testatur hija ta' importanza kbira f'interpretazzjoni ta' testament (ara "Bonello v. Vella" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Mejju, 1948) (Kollez. Vol: XXXIII.ii.277).

Huwa principju generali li ebda klawsola ta' ezoneru ma teskludi stharrig gudizzjarju ta' agir allegatament zbaljat u rragonevoli.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attrici billi tilqa' l-istess u thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-13 ta' Gunju, 2018, u minflok tghaddi biex tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta (enumerati pero` bhala 1, 3 u 4 rispettivament fir-risposta guramentata), bl-ispejjez kollha relattivi, inkluzi dawk in prim istanza, inkunu a karigu tal-konvenuta appellata.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr